IL-KUMMISSJONI EWROPEA
ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAS-SAĦĦA U L-KONSUMATURI

Is-sigurtà tal-Katina Alimentari
**Innovazzjoni u sostenibbiltà**

Kaxxa tat-test 1 (paġna 3/3)

## Għalfejn ma hemm ebda rekwiżit għal DtK għal materjali intermedji mhux tal-plastik?

Ir-Regolament dwar il-Plastik ma jistabbilixxi ebda obbligu li tinħareġ DtK għall-partijiet mhux tal-plastik li huma parti minn materjal jew oġġett tal-plastik. Madankollu, minħabba li r-Regolament dwar il-Plastik jeħtieġ li l-migrazzjoni ta' sustanzi awtorizzati u ta' ċerti sustanzi oħra ma għandhiex taqbeż il-limiti ta' migrazzjoni stabbiliti, huwa meqjus bħala li hu neċessarju li l-manifatturi ta' adeżivi, ta' linek tal-istampar u ta' kisjiet jipprovdu Informazzjoni Xierqa li tippermetti lill-manifattur tal-oġġett finali tal-plastik jikseb konformità mar-Regolament dwar il-Plastik fir-rigward ta' dawn is-sustanzi. Dan id-dokument ta’ Gwida jirrakkomanda li l-manifatturi ta’ adeżivi, ta' linek tal-istampar u ta' kisjiet jipprovdu Informazzjoni Xierqa lill-klijenti tagħhom. Dan id-dokument ta’ Gwida jagħti rakkomandazzjonijiet dwar il-kontenut ta’ din l-Informazzjoni Xierqa.

Kaxxa tat-test 2 (paġna 5/32)

## Eżempji ta' dokumenti ta’ sostenn

- Id-DtK li jipprovdi l-fornitur
- Ir-riżultati tat-test tal-migrazzjoni li jkun twettaq
- Il-kompożizzjoni ta’ materjal
- Il-formulazzjoni ta’ materjal
- L-informazzjoni tossikoloġika dwar sustanza

Kaxxa tat-test 3 (paġna 5/32)

## **X'jista' jiġi inkluż bħala parti mill-ħidma ta' konformità?**

- Il-verifika tal-istatus ta' awtorizzazzjoni ta' sustanza miżjuda b'mod intenzjonali
- Il-verifika tal-kriterji tal-purità ta' sustanza miżjuda b'mod intenzjonali
- L-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskju ta' sustanzi miżjuda b'mod mhux intenzjonali
- Il-verifika tal-konformità ma' SML u OML permezz ta' metodi ta' skrinjar jew ta' verifika

Kaxxa tat-test 4 (paġna 6/32)

## ID-DIKJARAZZJONI TA' KONFORMITÀ U R-RABTA TAGĦHA MAR-REGOLAMENT QAFAS U R-REGOLAMENT PTM

### Rekwiżiti dwar it-tikkettar (Artikolu 15 tar-Regolament Qafas)

Id-DtK mhijiex l-uniku dokument li għandu l-għan tat-trażmissjoni ta' informazzjoni mill-fornitur lill-klijent fir-rigward tal-użu xieraq tal-oġġett tal-plastik. Ir-**rekwiżiti tar-Regolament Qafas dwar it-tikkettar** jeħtieġu li l-materjali u l-oġġetti li għad mhumiex f'kuntatt mal-ikel għandhom, jekk meħtieġ, jiġu akkumpanjati minn struzzjonijiet speċjali għal użu sikur u xieraq.

### Traċċabilità (Artikolu 17 tar-Regolament Qafas)

Kull operatur tan-negozju għandu jistabbilixxi sistema ta' traċċabilità li tippermetti li jiġu identifikati kemm l-operatur tan-negozju li mingħandu jkun irċieva l-oġġetti tiegħu, kif ukoll l-operatur tan-negozju li lilu jkun fornielu l-oġġetti tiegħu. L-oġġetti għandhom ikunu ta' tip li jista' jiġi identifikat faċilment, u dan sabiex ikun hemm traċċabilità fir-rigward tagħhom permezz ta' tikkettar jew permezz ta' dokumentazzjoni rilevanti.

### Dikjarazzjoni ta' konformità mar-Regolament Qafas

Meta ssir dikjarazzjoni li ġiet osservata l-konformità mar-Regolament Qafas, dan mhux biss ikopri l-aspetti tas-sikurezza stabbiliti fl-Artikolu 3(1)(a), iżda jkopri wkoll l-aspetti li ġejjin, anki jekk dan mhuwiex stipulat b'mod espliċitu fid-DtK:

- li l-kumpanija qed topera skont **prassi tajba ta' manifattura**, kif stabbilit fir-Regolament Qafas u fir-Regolament dwar il-PTM;
- li l-kumpanija qed topera sistema ta' **traċċabilità**;
- li l-materjal jew l-oġġett ma jikkawżax **bidla mhux aċċettabbli** fil-**kompożizzjoni tal-ikel**, jew ma jikkaġunax deterjorament tal-**karatteristiċi organolettiċi tal-ikel;**
- li t-tikkettar, ir-reklamar u l-preżentazzjoni ta' materjal jew oġġett ma għandhomx iqarrqu bil-konsumaturi.

### Dikjarazzjoni ta' konformità ma' Prassi Tajba ta' Manifattura (PTM)

Meta ssir dikjarazzjoni li ġiet osservata l-konformità ma' prassi tajba ta' manifattura, dan ikopri, b'mod partikolari, l-aspetti li ġejjin:

- li hija stabbilita **sistema ta' garanzija tal-kwalità** li tkopri, fost affarijiet oħra,
    - li l-**materjali inizjali huma magħżula** u huma konformi ma' speċifikazzjonijiet magħżula minn qabel li jiżguraw il-konformità tal-oġġett lest mar-Regolament dwar il-Plastik u mar-Regolament Qafas;
    - li l-**operazzjonijiet huma mwettqa** b'konformità ma' struzzjonijiet u proċeduri stabbiliti minn qabel sabiex jiġi żgurat li l-oġġett lest huwa konformi mar-Regolament dwar il-Plastik u mar-Regolament Qafas;
- li hija stabbilita **sistema ta' kontroll tal-kwalità**.

L-informazzjoni dwar il-kriterji tal-għażla applikati għal materjali inizjali (bħal identità, purità, profil tossikoloġiku) hija partikolarment rilevanti għal sustanzi li mhumiex soġġetti għal awtorizzazzjoni u elenkar fl-Anness I tar-Regolament dwar il-Plastik. L-informazzjoni dwar il-proċeduri ta' operazzjoni għandha rilevanza partikolari għal prodotti ta' reazzjoni u ta' degradazzjoni. L-informazzjoni kollha li tiġi ġġenerata fis-sistema ta' garanzija tal-kwalità u ta'

kontroll tal-kwalità għandha tiġi dokumentata, u għandha ssir parti mid-"**Dokumenti ta' Sostenn**" tad-DtK.

Kaxxa tat-test 5 (paġna 7/32)

IL-PRINĊIPJI TAL-QSIM TAL-ĦIDMA TA' KONFORMITÀ TUL IL-KATINA TAL-PRODUZZJONI

**1. Għandha tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-ħidma ta' konformità**

Għandu jiġi evitat li l-produtturi jwettqu ħidma ta' konformità fuq l-istess materjal. Sabiex jitnaqqsu d-duplikazzjonijiet u l-ispejjeż, fi stadju bikri għandha titlesta kemm jista' jkun ħidma ta' konformità.

**2. Ir-responsabbiltà tal-operaturi tan-negozju għall-pass tal-manifattura tagħhom bl-għan li l-oġġett lest ikun konformi skont l-użi maħsuba jew prevedibbli**

Il-konformità tal-oġġett lest tista' tiġi żgurata biss jekk l-operaturi kollha tan-negozju fil-katina, mill-manifattur tas-sustanzi inizjali sa min jippakkja l-ikel, jieħdu r-responsabbiltà meħtieġa għall-pass tal-manifattura tagħhom, bl-għan li l-oġġett lest ikun konformi. Dan isegwi mill-obbligu li l-proċess kollu tal-manifattura josserva PTM. Dan ifisser li jistgħu jintużaw biss komponenti li huma tajbin biex jintużaw f'materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel. Dan jeskludi wkoll il-possibbiltà li operatur kummerċjali ikun jista' jittrasferixxi lill-klijent tiegħu ir-responsabilità kollha għall-ħidma ta' konformità li tirriżulta mill-pass ta' manifattura tiegħu (dikjarazzjonijiet ġenerali ta' ċaħda ta' responsabbiltà).

**3. Ir-responsabbiltà tal-operatur tan-negozju li jintroduċi jew jiġġenera sustanza fil-proċess tal-manifattura**

Operatur tan-negozju li jintroduċi jew jiġġenera sustanza fi prodott (materja prima, materjal jew oġġett intermedju jew lest) huwa responsabbli għall-konformità ta' din is-sustanza. Dan jinkludi l-impuritajiet tas-sustanza u l-prodotti ta' degradazzjoni u/jew ta' dekompożizzjoni marbuta mal-użu maħsub tagħha li jistgħu jiġu ffurmati f'dan il-pass jew f'pass ieħor ta' manifattura skont l-użu speċifikat.

L-aspetti kollha tal-ħidma ta' konformità marbuta mal-introduzzjoni jew mal-ġenerazzjoni ta' sustanza ma jistgħux jiġu finalizzati fl-istadju tal-manifattura li fih tiġi introdotta s-sustanza. Għalhekk, id-DtK jew l-Informazzjoni Xierqa sservi bħala mezz biex jingħata tagħrif dwar l-aspetti ta' ħidma ta' konformitàli twettqu mill-operatur tan-negozju li joħroġ id-DtK jew l-Informazzjoni Xierqa, u dwar liema aspetti għad iridu jiġu mwettqa mill-operaturi tan-negozju li jinsabu iktar 'l isfel fil-katina.

**4. Il-konklużjoni kmieni kemm jista' jkun tal-ħidma ta' konformità fil-katina tal-manifattura**

Il-ħidma ta' konformità għandha titlesta fl-ogħla livell possibbli fil-katina tal-manifattura. Bħala eżempju, fil-każ ta' żieda ta' kwantità żgħira ta' sustanza b'SML għoli, fl-istadju tal-manifattura tal-plastik jista' jkun possibbli li tiġi żgurata l-konformità u li dik il-parti tal-ħidma ta' konformità tiġi konkluża, eż. fuq il-bażi tal-kalkolu li, anki b'migrazzjoni totali, l-SML ma jintlaħaqx. Madankollu, b'mod partikolari fir-rigward ta' materjali b'saffi multipli, għandu jitqies li sustanza tista' toriġina minn diversi saffi, u l-konformità għandha tiġi żgurata għall-oġġett finali filwaqt li għandha titqies il-kontribuzzjoni mis-saffi kollha.

**5. Informazzjoni mill-klijent lill-fornitur dwar l-użu maħsub**

Permezz ta' komunikazzjoni bejn il-klijent u l-fornitur, il-klijent jista' diġà jipprovdi informazzjoni meħtieġa lill-fornitur tiegħu, li tippermetti lill-fornitur li jlesti l-ħidma ta' konformità f'dan l-istadju. Pereżempju, jekk il-konvertitur tal-plastik jinforma lill-manifattur tal-plastik dwar l-għamla jew il-qies preċiżi, dwar il-kundizzjonijiet ta' kuntatt mal-ikel u dwar l-ikel ta' kuntatt tal-oġġett finali tiegħu, il-manifattur ikun jista' jikkonkludi l-aspetti rilevanti tal-ħidma ta' konformità fi stadju bikri.

**6. Deskrizzjoni speċifika ta' ħidma ta' konformità trasferita lill-klijent**

Id-deskrizzjoni tal-ħidma ta' konformità li tiġi trasferita lill-klijent għandha tkun speċifika, u għandha tippermettilu li jwettaq il-ħidma ta' konformità. Jeżistu xi każijiet fejn il-fornitur għandu l-obbligu li jiżvela l-identità ta' sustanzi, filwaqt li jista' jkun ukoll meħtieġ li tiġi żvelata l-konċentrazzjoni tagħhom fil-materjal. Informazzjoni mgħoddija mill-klijent lill-fornitur fil-katina tal-provvista tista' tgħin biex tiġi identifikata informazzjoni rilevanti li tippermetti lill-fornitur li jwettaq il-ħidma ta' konformità tiegħu b'mod xieraq. Il-klijent għandu l-obbligu li jwettaq valutazzjoni kritika tal-informazzjoni pprovduta mill-fornitur.

**7. Responsabbiltà għal ħidma ta' konformità mhux trasferita lill-klijent**

Operatur tan-negozju jaċċetta, b'mod awtomatiku, ir-responsabbiltà għal ħidma ta' konformità jekk ma jkunx qed jipprovdi deskrizzjoni speċifika ta' ħidma ta' konformità trasferita lill-klijent.

## Oġġetti lesti b'saffi multipli magħmula minn materjali multipli ("MMML")

L-oġġett finali li jiġi f'kuntatt mal-ikel huwa l-MMML bħala oġġett sħiħ, bl-inklużjoni tas-saffi tal-plastik u ta' dawk mhux tal-plastik. Madankollu, l-MMML sħiħ mhuwiex regolat mir-Regolament dwar il-Plastik. B'mod speċifiku, l-ambitu tar-Regolament dwar il-Plastik ikopri biss **saffi tal-plastik** f'MMML (Artikolu 2, punt 1(e)). **Saffi tal-plastik** f'MMML huma definiti bħala "materjali u oġġetti tal-plastik" fil-kuntest tar-Regolament dwar il-Plastik (Artikolu 3, punt 1(b)). Ir-rekwiżiti għat-tqegħid fis-suq ta' materjali u oġġetti tal-plastik huma stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament dwar il-Plastik. Għalhekk, id-DtK tikkonċerna biss fuq is-saffi tal-plastik tal-MMML. Għall-finijiet tar-Regolament dwar il-Plastik, is-saffi tal-plastik f'MMML huma meqjusa legalment daqslikieku kienu l-oġġett lest, avolja fiżikament mhumiex l-oġġett lest.

Bħala konsegwenza, l-operatur li jqiegħed l-MMML lest fis-suq għandu joħroġ DtK li, legalment fil-kuntest tar-Regolament dwar il-Plastik, tindirizza **biss is-saffi tal-plastik** li jinsabu fil-prodott.

Fi wħud mill-Istati Membri, il-leġiżlazzjoni nazzjonali tista' teħtieġ li fid-DtK tiegħu l-operatur jindirizza wkoll is-saffi mhux tal-plastik. Wieħed għandu jifhem ukoll li s-saffi tal-plastik maħsuba għall-użu f'MMML, iżda li għad mhumiex parti minnu, huma meqjusa bħala materjali intermedji. Dan huwa rilevanti għall-operaturi li jfornu lill-manifattur tal-MMML lest.

Kaxxa tat-test 7 (paġna 10/32)

Meta jwettaq proċessi bħal pereżempju taħlit, stampar jew kisi – kwalunkwe proċess li jaffettwa l-formulazzjoni tal-materjal jew l-oġġett – l-operatur għandu r-rwol ta' manifattur. L-operatur għandu r-rwol tal-manifattur anki f'każijiet meta jwettaq l-operazzjonijiet deskritti fil-punt 3.1.d)(iii) ta' dan id-dokument ta' Gwida mingħajr ma jqiegħed l-ikel f'kuntatt mal-materjal jew mal-oġġett.

Kaxxa tat-test 8 (paġna 10/32)

**Bejgħ bl-imnut kif definit fl-Artikolu 3(7) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 dwar il-Liġi Ġenerali tal-Ikel:**

*"bejgħ bl-imnut" tfisser l-ittrattar u/jew l-ipproċessar tal-ikel u l-ħażna tiegħu meta jinbiegħ jew meta jasal għand il-konsumatur aħħari, u jinkludi l-postijiet tat-tqassim, l-operazzjonijiet tal-catering, il-canteens tal-fabbriki, il-catering istituzzjonali, ir-ristoranti u postijiet oħra simili li joffru servizz tal-ikel, ħwienet, ċentri tat-tqassim tas-supermarkits u ħwienet li jbiegħu bl-ingrossa.*

Kaxxa tat-test 9 (paġna 11/32)

Operaturi tan-negozji li huma bejjiegħa bl-imnut jista’ jkollhom rwol addizzjonali ta’ “utenti ta’ materjali jew oġġetti li jiġu f’kuntatt mal-ikel” jekk dawn iqiegħdu l-ikel f’kuntatt ma’ materjali jew oġġetti, eż. jekk ikollhom għaddejjin operazzjonijiet interni ta' preparazzjoni u/jew ta' imballaġġ tal-ikel (kemm jekk fi stabbiliment separat tal-kumpanija, jew f’kamra li tinsab fuq wara fil-post stess, kif ukoll jekk fuq il-bank tal-bejgħ stess).

L-operaturi tan-negozji li huma bejjiegħa bl-imnut jistgħu wkoll ikunu importaturi, u b'jekk ikollhom ukoll jissodisfaw l-obbligi ta’ importatur.

## Eżempji fejn operaturi kummerċjali għandhom rwoli differenti

1. Produttur ta' soft drinks

Jekk hu jixtri l-fliexken, jimlihom bis-soft drink u jagħlaqhom b'tapp, l-uniku rwol tiegħu huwa dak ta' utent ta' materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel.

Jekk jixtri preforom tal-fliexken li jifforma fi fliexken finali permezz ta' ffurmar bl-infiħ, jimlihom bis-soft drink u jagħlaqhom b'tapp, ir-rwol tiegħu mhuwiex biss dak ta' utent ta' materjal ta' kuntatt mal-ikel iżda wkoll dak tal-manifattur ta' oġġett finali. Għall-operazzjoni tal-iffurmar bl-infiħ, huwa għandu jissodisfa l-obbligi ta' manifattur ta' oġġett finali.

2. Negozju li joffri servizzi ta' forniment tal-ikel

Negozju li joffri servizzi ta' forniment tal-ikel jipprovdi l-ikel lill-konsumatur, u b'hekk għandu r-rwol ta' bejjiegħ bl-imnut. Huwa jipprepara l-ikel u jippakkjah f'kaxxi tal-plastik biex jiġi ttrasportat u ppreżentat lill-konsumatur. Dan il-kompitu jiddefinixxih bħala li jippakkja l-ikel u, b'hekk, bħala utent ta' materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel. Għaldaqstant, huwa għandu jissodisfa wkoll l-obbligi ta' utent ta' materjali ta' kuntatt mal-ikel.

3. Supermarkit

Supermarkit qed ibiegħ zalzett maqtugħ frisk f'kontenituri tal-plastik, li huwa importa minn pajjiż terz. Is-supermarkit qed jipprovdi l-ikel lill-konsumatur, u għalhekk huwa bejjiegħ bl-imnut. Is-supermarkit iqiegħed iz-zalzett f'kuntatt mal-kontenituri tal-plastik, u għalhekk huwa utent ta' materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel. Is-supermarkit qed jimporta l-kontenituri li juża għal dak l-għan, u għalhekk huwa importatur. B'hekk is-supermarkit għandu tliet rwoli differenti, u għandu jissodisfa l-obbligi rispettivi għal kull kompitu.

Jekk is-supermarkit jistampa d-data ta' skadenza fuq il-kontenituri tal-plastik, ikollu wkoll jissodisfa l-obbligi ta' manifattur.

Kaxxa tat-test 11 (paġna 12/32)

## Dokumenti ta' sostenn

Id-dispożizzjoni li tistipula li għandhom jinżammu dokumenti ta’ sostenn (Artikolu 16 tar-Regolament dwar il-Plastik) tapplika għall-istadji kollha ta’ manifattura u kummerċjalizzazzjoni, inkluż il-bejgħ bl-imnut, u mhijiex marbuta b'mod dirett mad-disponibbiltà ta’ DtK. DtK li tasal mingħand il-fornitur issir dokument ta’ sostenn. Dokumentazzjoni interna dwar il-kontroll intern tal-kwalità ssir dokument ta’ sostenn. Ir-riżultati ta' ttestjar tal-migrazzjoni li jitwettaq internament jew minn laboratorju taħt kuntratt isiru dokumenti ta’ sostenn.

Id-dokumenti ta’ sostenn għandhom jindirizzaw ukoll kwalunkwe aspetti rilevanti tal-operazzjonijiet imwettqa fuq il-materjal jew l-oġġett qabel jew waqt l-operazzjonijiet ta' ppakkjar/mili. F’dan il-kuntest, il-possibbiltà għall-ġenerazzjoni ta’ prodotti ta' reazzjoni jew ta’ degradazzjoni għandhom jitqiesu fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-fornitur.

Kaxxa tat-test 12 (paġna 13/32)

**Rekwiżiti dwar it-tikkettar fl-Artikolu 15 tar-Regolament Qafas**

Għandhom jingħataw struzzjonijiet ċari u li jinftiehmu faċilment rigward l-użu sigur u adegwat tal-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel. Dan jinkludi wkoll kjarifiki dwar kwalunkwe limitazzjonijiet fuq l-użu. Din l-informazzjoni għandha tingħata f'dokumenti ta' akkumpanjament (meta dawn jiġu pprovduti lil operatur ta' negozju ieħor), fuq it-tikketti jew fuq l-imballaġġ, jew fuq il-materjali u l-oġġetti nfushom (meta dawn jiġu pprovduti lill-konsumatur finali jew lill-operatur tan-negozju).

Kaxxa tat-test 13 (paġna 14/32)

**Id-dikjarazzjoni tal-konformità (DtK)**

Id-dikjarazzjoni bil-miktub imsemmija fl-Artikolu 15 tar-Regolament dwar il-Plastik għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja (Anness IV):

(1) *l-identità u l-indirizz tal-operatur kummerċjali li joħroġ id-dikjarazzjoni ta' konformità;*

(2) *l-identità u l-indirizz tal-operatrur tan-negozju li jimmanifattura jew jimporta l-materjali jew l-oġġetti jew il-prodotti tal-plastik minn stadji intermedji tal-manifattura tagħhom jew is-sustanzi maħsuba għall-manifattura ta' dawk il-materjali u l-oġġetti;*

(3) *l-identità tal-materjali, l-oġġetti jew il-prodotti minn stadji intermedji tal-manifattura jew is-sustanzi maħsuba għall-manifattura ta' dawk il-materjali u l-oġġetti;*

(4) *id-data tad-dikjarazzjoni;*

(5) *konferma li l-materjali u l-oġġetti tal-plastik, il-prodotti minn satdji intermedji tal-manifattura jew is-sustanzi jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti stipulati f'dan ir-Regolament u fir-Regolament (KE) Nru 1935/2004;*

(6) *informazzjoni adegwata dwar is-sustanzi użati jew il-prodotti tagħhom ta' degradazzjoni li dwarhom hemm restrizzjonijiet u/jew speċifikazzjonijiet stabbiliti fl-Annessi I u II ta' dan ir-Regolament biex tippermetti lill-operaturi tan-negozju li huma iktar 'l isfel fil-katina tal-operat biex jiżguraw konformità ma' dawk ir-restrizzjonijiet;*

(7) *informazzjoni adegwata dwar is-sustanzi li huma soġġetti għal restrizzjoni fl-ikel, li nkisbu minn dejta sperimentali jew minn kalkolu teoretiku dwar il-livell tal-migrazzjoni speċifika tagħhom u, fejn ikun xieraq, kriterji ta' purezza skont id-Direttivi 2008/60/KE, 95/45/KE u 2008/84/KE[*] biex l-utent ta' dawn il-materjali u l-oġġetti jkun jista' jikkonforma mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-UE, jew fin-nuqqas tagħhom, mad-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli għall-ikel;*

(8) *l-ispeċifikazzjonijiet dwar l-użu tal-materjal jew l-oġġett, bħalma huma:*

(i) *it-tip jew tipi ta' ikel maħsub/a biex jiġi/jiġu f'kuntatt miegħu;*

(ii) *it-tul ta' żmien u t-temperatura tat-trattament u l-ħażna f'kuntatt mal-ikel;*

(iii) *il-proporzjon tal-erja tas-superfiċje ta' kuntatt mal-volum użat biex tiġi stabbilita l-konformità tal-materjal jew l-oġġett;*

(9) *meta jintuża ostaklu funzjonali f'materjal jew f'oġġetti ta' saffi multipli, il-konferma li l-materjal jew l-oġġett jikkonforma mar-rekwiżiti tal-Artikolu 13(2), (3) u (4) jew l-Artikolu 14(2) u (3) ta' dan ir-Regolament.*

[*] Id-Direttivi huma mibdula bir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 u bir-Regolament (KE) Nru 1334/2008

Kaxxa tat-test 14 (paġna 15/32)

**L-operaturi tan-negozju li mhumiex manifatturi jew importaturi u li huma involuti f'ħidma ta' DtK**

F'ċerti każijiet, huma organizzazzjonijiet oħra li jwettqu l-ħidma ta' konformità għall-manifattur jew għall-importatur:

- Laboratorji ta' riċerka taħt kuntratt
- Ditti legali
- Ditti ta' konsulenza

F'dan il-każ, huma wettqu l-ħidma ta' konformità fir-rigward tal-Anness IV tar-Regolament dwar il-Plastik f'isem il-manifattur. Madankollu, huwa xorta waħda l-manifattur li għandu joħroġ id-DtK.

Id-distributuri huma operaturi tan-negozju li, f'ċerti każijiet iridu joħorġu DtK, anki jekk ma jkunux il-manifatturi jew l-importaturi.

## Addittiv b'użu doppju

Tkopri sustanza li hija awtorizzata bħala addittiv fil-plastik u, fl-istess ħin, bħala addittiv jew taħwira tal-ikel.

Sustanza hija definita bħala "addittiv b'użu doppju" jekk l-identità kimika tal-addittiv tal-plastik taqbel ma' dik ta' addittiv awtorizzat tal-ikel jew ta' taħwira awtorizzata tal-ikel, irrispettivament mill-purità tagħha jew minn jekk is-sustanza hijiex soġġetta għal restrizzjoni fl-ikel u/jew fil-plastik.

Fil-każ ta' mluħ, l-importanza tingħata lill-melħ, u mhux lill-aċidu, lill-fenol jew lill-alkoħol awtorizzat. Eżempju: l-istearat tal-kalċju huwa addittiv b'użu doppju (E470a), iżda l-istearat taż-żingu mhuwiex addittiv b'użu doppju. Is-sustanza elenkata fir-Regolament dwar il-Plastik hija l-aċidu steariku. Għandu jiġi nnutat li l-istearat tal-kalċju huwa identifikat bħala E470a, anki jekk il-purità tas-sustanza ma taqbilx mal-purità tal-użu tagħha fl-ikel.

L-għan ewlieni tal-leġiżlazzjoni hu li l-utenti ta' materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel ikunu infurmati dwar il-preżenza ta' addittivi b'użu doppju fil-plastik, sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu kkunsidrati fir-rigward tal-leġiżlazzjoni rilevanti dwar l-ikel jew fir-rigward tal-interazzjonijiet bejn l-ikel u l-materjal tal-imballaġġ.

Kaxxa tat-test 16 (paġna 16/32)

## Eżempji ta' restrizzjonijiet QM

- 1 mg/kg fil-prodott finali
- 0,5% fil-prodott finali

Kaxxa tat-test 17 (paġna 16/32)

**Eżempji ta' purità jew speċifikazzjonijiet dwar il-kompożizzjoni**

- Oksiran < 8 %
- numru tal-jodju < 6
- Piż molekulari medju ta' mhux inqas minn 440 Da.
- Viskożità ta' mhux inqas minn 3,8 cSt (3,8 x $10^{-6}$ $m^2/s$) b'temperatura ta' 100 °C

  Skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-JECFA, il-purità ≥ 96 %.

Kaxxa tat-test 18 (paġna 17/32)

## Eżempji ta' speċifikazzjoni tal-użu ta' sustanzi

- F'każ ta' użu bħala monomeru, għandha tintuża biss bħala komonomeru f'poliesteri alifatiċi sa livell massimu ta' 1 % fuq bażi molari.
- Għandha tintuża biss: (a) fil-poliolefini f'konċentrazzjoni ta' 0,1% (w/w) u (b) fil-PET f'konċentrazzjoni ta' 0,25% (w/w).
- Għandha tintuża biss bħala komonomeru għall-preparazzjoni ta' addittiv polimeriku.

Kaxxa tat-test 19 (paġna 17/32)

## **Eżempji ta' speċifikazzjoni tal-użu ta' materjali**

- F'oġġett li jintuża b'mod ripetut biss.
- Għal ħżin fit-tul t'temperatura ambjentali.

Kaxxa tat-test 20 (paġna 18/32)

## Eżempji ta' restrizzjonijiet rigward tipi ta' ikel

- M'għandhiex tintuża għal oġġetti f'kuntatt ma' ikel imxaħħam li għalih huwa stipulat is-simulant D.
- Għandha tintuża biss f'hydrogels maħsuba għal użu b'kuntatt mhux indirett mal-ikel.
- Għal kuntatt indirett biss mal-ikel, wara saff ta' PET.
- Għal materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt ma' ikel milwiem biss.

Kaxxa tat-test 21 (paġna 19/32)

**Id-DtK fil-leġiżlazzjoni nazzjonali għall-adeżivi, il-kisjiet u l-linek tal-istampar**

Jista' jagħti l-każ li DtK tkun meħtieġa mil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Fi kwalunkwe każ, għandha tiġi pprovduta ċerta informazzjoni fil-katina tal-provvista, sabiex l-operatur li jinkorpora dawn il-prodotti f'materjal jew oġġett tal-plastik ikun jista' joħroġ dikjarazzjoni ta' konformità korretta għall-prodott tiegħu. L-użu ta' dawn is-sustanzi għandu jkun konformi mar-rekwiżiti ġenerali stipulati fl-Artikolu 3 tar-Regolament Qafas.

Kaxxa tat-test 22 (paġna 20/32)

## Eżempji ta’ tipi ta’ polimeri

- Politelen b'Densità Għolja (HDPE)
- Politelen b'Densità Baxxa (LDPE)
- Politelen b'Densità Baxxa Lineari (LLDPE)
- Polipropilen (PP)
- Polistiren (PS)
- Polistiren li jitwessa’(EPS)
- Polietileneterftalat (PET)
- Kopolimeri tal-etilen-vinil-alkoħol (EVOH)
- Poliammid (PA)
- Klorur tal-polivinil (PVC)

Kaxxa tat-test 23 (paġna 22/32)

## Eżempji ta' proporzjon ta' erja tas-superfiċje ta' kuntatt mal-ikel meta mqabbel mal-volum

- Sa proporzjon ta’ erja tas-superfiċje meta mqabbel mal-volum ta’ 6 $dm^2/kg$.
- Xieraq għal proporzjon tal-volum tas-superfiċje ta' sa x $dm^2/kg$ (fuq il-bażi tas-suppożizzjoni konvenzjonali li 1l huwa ugwali għal 1kg, normalment il-proporzjon bejn is-superfiċje u l-piż huwa indikat).

Kaxxa tat-test 24 (paġna 23/32)

**L-iskambju ta’ informazzjoni għal sustanzi intermedji mhux tal-plastik li jintużaw wara ostakli funzjonali**

L-informazzjoni li ġejja hija meqjusa rilevanti:

- indikazzjoni ta’ materjali xierqa u l-kundizzjonijiet li fihom il-materjali jaħdmu bħala ostaklu funzjonali għas-sustanza inkwistjoni,
- konferma li l-materjal magħżul bħala saff ta' ostaklu jkun ta’ ostaklu funzjonali xieraq li jiżgura li l-migrazzjoni (inkluż it-trasferiment indirett [set-off]) hija fi ħdan limiti aċċettabbli, jew
- l-informazzjoni fil-punti 1 sa 8.

Kaxxa tat-test 25 (paġna 24/32)

## Oġġetti Assemblati

Meta l-utenti jgħaqqdu flimkien żewġ oġġetti jew aktar magħmula minn materjal li jiġi f'kuntatt mal-ikel f'oġġett wieħed lest, f'ċerti każijiet, fil-valutazzjoni tal-konformità jridu jittieħdu passi addizzjonali mill-utent li jkun qed iwettaq l-assemblaġġ tal-oġġett lest. Każijiet bħal dawn jistgħu jseħħu meta l-konformità ta' limiti ta' migrazzjoni speċifika jiġu espressi b'mod differenti għall-oġġett lest (eż. flixkun u għatu). Jista' jkun li jkollha tintalab aktar informazzjoni dwar is-sustanzi mhux identifikati mingħand il-fornitur.